Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/125 20.1.2026

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/125**

**tat-8 ta' Diċembru 2025**

**dwar il-konklużjonital-Ftehim dwar il-Kummerċ Diġitali bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/798 ([1]) il-Ftehim dwar il-Kummerċ Diġitali bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore (il-"Ftehim") ġie ffirmat fis-7 ta' Mejju 2025, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(2) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

(3) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u ta l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' Marzu 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim dwar il-Kummerċ Diġitali bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore ([3]) huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha ([4]).

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. STOKLUND

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/798 tal-14 ta' April 2025 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Diġitali bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore (ĠU L, 2025/798, 25.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/798/oj).
([2]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39), ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).
([3]) ĠU L, 2026/126, 20.1.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2026/126/oj.
([4]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.